# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Settembru 2022**

Appell numru 95/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Paul FARRUGIA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Marzu 2019 kontra Paul FARRUGIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 540483M) li ġie mixli talli:

i) Nhar il-5 ta' Marzu 2019 għall-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin għaxra ġewwa Ħal Għaxaq, nhar is-6 ta' Marzu 2019 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' filgħodu ġewwa l-Imsida, u matul il-lejl tal-5 ta' Marzu 2019 fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet datat 9 ta' Awwissu 2018 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali Onor. Imħallef Antonio Mizzi u b'digriet ieħor datat 20 ta' Mejju 2015 li bih ukoll kien ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat illum Imħallef Miriam Hayman;

ii) U aktar talli fil-5 ta' Marzu 2019 għall-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin għaxra ġewwa Ħal Għaxaq irrifjuta jagħti jew ta il-falz lill-uffiċjal pubbliku jew lil

wieħed ieħor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara li rat l-Artikoli 338(ġ) u 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat appellant ħati tal-akkużi kollha kif miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant irrevokat iż-żewġ digrieti ta’ ħelsien mill-arrest hawnhekk imsemmija – cioe’ dak datat 9 ta’ Awwissu 2018 u dak datat 20 ta’ Mejju 2015 u ordnat l-arrest tiegħu mill-ġdid kif ukoll ordnat li s-somma ta’ Ewro 30,000 bħala depożitu u s-somma ta’ Ewro 70,000 bħala garanzija personali li għandu imposti fuqu b’digriet tal-Qorti Kriminali Onor. Imħallef Antonio Mizzi datat 9 ta’ Awwissu 2018 kif ukoll is-somma ta’ Ewro 5,000 bħala depożitu u s-somma ta’ Ewro 10,000 bħala garanzija personali imposti fuqu b’digriet tal-Qorti tal-Maġistrati Maġistrat illum Onor. Imħallef Miriam Hayman, jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta u kkundannatu għal terminu kumplessiv ta’ ħmistax -il xahar ħabs u ċjoe’ tnax -il xahar fuq l-ewwel akkuża u tlett xhur fuq it-tieni akkuża u kkundannatu wkoll iħallas multa ta’ Ewro 1,150.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi FARRUGIA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f’każ ta’ konferma ta’ ħtija, li tvarja u timmodifika s-sentenza kwantu l-piena billi tinfliġġi piena aktar miti ekwa u ġusta skont il-każ u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

i) Fl-ewwel aggravju l-appellant jitlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.[1]

ii) Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jillamenta li d-digrieti li permezz tagħhom il-Prosekuzzjoni bbażat l-imputazzjoni numru wieħed, mhumhiex ammissibbli minħabba l-fatt li dawn ma ġewx ikkonfermati mir-Reġistratur

[1] Dan l-aggravju ġie trattat u l-kwistjoni ġiet sorvolata permezz ta’ sentenza preliminari li ngħatat fuq dan il-punt biss nhar il-21 ta’ Lulju 2020 u li tinsab f’foljo 377 tal-atti proċesswali.

tal-Qrati Kriminali u s-sempliċi fatt li ġew ikkonfermati bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur ma tikkostitwix l-aqwa prova. L-appellant jikkontendi li l-aqwa prova kellha tkun ix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati li jixhed mhux biss fuq l-awtentiċita' tad-digrieti u dwar jekk l-istess digrieti ġewx sussegwentement emendati jew le. Illi l-Prosekuzzjoni għalhekk naqset li tipprova x'kienu l-kundizzjonijiet tad-digrieti relativi fid-data tal-allegat reat. Kwindi bir-rispett mhux biżżejjed li l-Prosekuzzjoni teżebixxi d-digriet oriġinali li bih l-imputat ikun ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. L-ewwel digriet jidher li huwa l-ewwel digriet li bih l-persuna akkużata tkun ingħatat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest iżda li pero' miegħu ma hemmx anness iż-żewġ formoli relatati li huma l-formola tad-depożitu tal-flejjes fir-reġistru tal-Qorti kif ukoll il-formola tal-garanzija personali. L-istess dwar it-tieni digriet Dok KA5. Dawn id-digrieti ma jistgħux jitqiesu bħala prova suffiċjenti dwar x'kundizzjonijiet kien hemm viġenti fil-5 ta' Marzu 2019.

iii) It-tielet aggravju jirrigwarda kunflitt f'dawk il-provi li fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-imputat qua appellant għat-tieni imputazzjoni. L-appellant jikkontendi li ġjaladarba kien hemm kunflitt u dubji serji dwar l-identifikazzjoni tal-persuna li ġiet imwaqqfa f'Ħal Għaxaq, ma ġiex sodisfaċentement ippruvat li l-appellant effettivament kienet dik il-persuna li ġiet imwaqqfa b'dan allura li mhux ippruvat li l-appellant kien Ħal Għaxaq wara l-ħinijiet ta' rinkażar u li ta wkoll dettalji foloz lill-pulizija skont kif ikkontemplat f'din it-tieni imputazzjoni.

iv) Ir-raba' aggravju jitratta dwar il-mankanza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tiddistingwi bejn il-ksur tal-kundizzjonijiet prinċipali ta' digriet li permezz tiegħu persuna tingħata l-ħelsien mill-arrest u dawk anċillari bħalma hi l-kundizzjoni ta' rinkażar. Jidher li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma għamlitx distinzjoni bejn il-mod ta' kif u għaliex ikun sar il-ksur ta' kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest hekk kif ċerti kundizzjonijiet jaffettwaw il-proċeduri jekk jiġu miksura u oħrajn jistgħu jkunu ta' importanza żgħira f'dawn il-proċeduri.

v) In kwantu għal piena, jibda biex jingħad li l-piena marbuta mat-tieni imputazzjoni hija piena skorretta għaliex mhiex ikkontemplata fil-Liġi. Ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni huwa reat ta' natura kontravvenzjonali l-Artikolu 338(ġ) tal-Kodiċi Kriminali – u għalhekk japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) tal-istess. Referenza qiegħda wkoll issir għall-Artikolu 12(2) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk ikun isegwi li l-massimu ta' piena li setgħet tingħata kienet dik ta' xahrejn priġunerija iżda mhiex dik ta' tlett xhur. Fir-rigward tal-multa, il-Qorti tal-Maġistrati ma speċifikatx din il-multa fil-konfront ta' liema imputazzjoni jew reat qiegħda tingħata u għalhekk dan joħloq kunflitt serju li jista' wkoll iwassal għan-nullita' tas-sentenza ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Fir-rigward tal-piena ta' tnax -il xahar priġunerija għal ksur tal-ewwel imputazzjoni, tenut kont tal-fatt li l-ksur tal-kundizzjoni ta' rinkażar mhux meqjus bħala ksur ta' kundizzjoni prinċipali, il-piena kellha tkun waħda iktar miti. Il-fatt li l-Leġislatur ta lill-ġudikant id-diskrezzjoni li jimponi piena ta' multa biss mingħajr priġunerija ifisser li mhux kull ksur għandu iġorr miegħu piena ta' priġunerija effettiva.

4. Matul is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2021 id-Difiża ddikjarat li kienet qegħda tirtira l-aggravju mmarkat "5.4)" u intestat "Ir-revoka tad-

digrieti tal-ħelsien mill-arrest, il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożiti u l-garanziji personali" u dan fid-dawl tal-emendi li ġew introdotti għall-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

5. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Manġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.
Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

6. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[3]

7. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

8. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

10. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali.

11. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[5] Jiġifieri huwa legalment korrett u

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar**

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

14. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

15. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

16. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa

---

ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

17. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

18. Fil-każ Ingliż **Majid**,[8] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

19. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

20. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali

[7] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

21. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

22. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

23. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

24. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

25. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

> Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.
>
> F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'
>
> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

26. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

27. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa

importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

28. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

29. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

30. Illi fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Marzu 2019 u s-6 ta' Marzu 2019, għal ħabta tal-23:30, l-Ispettur Keith Arnaud irċieva informazzjoni kunfidenzjali li Paul FARRUGIA kien jinsab barra l-ħin ġewwa Ħal Għaxaq. L-Ispettur Arnaud talab l-assistenza ta' żewġ uffiċjali tal-iskwadra kontra d-droga, PC 1564 Kyle Zammit u PC 1494 Andre Grech li dak il-ħin kienu jinsabu stazzjonati proprju ġewwa Ħal Għaxaq bħala pajżana minħabba operazzjoni ta' droga li kienu qegħdin isegwu. Sussegwentement, PC 1564 u PC 1494 irraportaw lura lill-Ispettur Arnaud li kienu raw lil Paul FARRUGIA – persuna magħrufa mal-uffiċjali membri tal-iskwadra kontra d-droga – jixrob fil-kumpanija ta' nies oħra nkluż il-partner tiegħu u t-tifla tagħhom, ġewwa l-Pjazza ta' Ħal Għaxaq fejn kienu għaddejjin ċelebrazzjonijiet tal-karnival. Immedjatament, l-Ispettur ta struzzjonijiet lil patrol tal-RIU – PC 956 u PC 410 - sabiex immorru fuq il-post u jarrestaw lil Paul FARRUGIA u dawn kellhom jaġixxu taħt l-istruzzjonijiet ta' PC 1564 u PC 1494 in kwantu l-membri tal-RIU ma kinux jafu lil Paul FARRUGIA għaliex ma kienu qatt rawh u sa dak il-ħin ħadd ma kien urihom ritratt tiegħu. L-uffiċjali tal-iskwadra kontra d-droga indikawlhom lil dak li ried jiġi arrest bħala dik il-persuna li kienet liebsa hoodie griża. Sadanittant, PC 956 u PC 410 kienu wkoll qegħdin jikkomunikaw mas-Surġent PS 88 Aldo Cassar li tahom struzzjonijiet sabiex jiltaqgħu miegħu quddiem il-Convenience Store ta' Ħal Għaxaq.

31. Illi PC 410 u PC 956 waqqfu lil dik il-persuna li kienu indikawlhom. Sadattant PC 1564 u PC 1494 baqgħu josservaw din l-operazzjoni minn ċerta distanza sal-mument fejn kellhom jinżlu iktar 'l isfel mill-pożizzjoni li kienu qegħdin fiha u dan biss wara li kienu raw li l-imsemmija kollegi kienu waqqfu lil persuna hekk indikata minnhom. Iżda ftit ħin wara l-Uffiċjali tal-RIU reġgħu lura stante li din il-persuna indikata lil tal-RIU qaltilhom li kienet Martin Farrugia u mhux Paul FARRUGIA u li dan tal-aħħar kien jiġi ħuh li kien jixbħu ħafna u li jirrisjedi f'Barka Flats Flat 3 Trejqet Ix-Xileb, Xaghjra. Din il-persuna ġiet mitluba li turi dokument ta' identifikazzjoni lill-Pulizija iżda qalet li ma kellha l-ebda dokument fuqha u minflok forniet lill-Pulizija b'numru tal-karta tal-identita' 500077M li wara verifiki mal-Control Room tal-Pulizija irriżulta li dan in-numru kien jgħajjat lill-persuna bl-isem ta' Martin Farrugia. Fil-waqt li l-Pulizija kienu qiegħdin ikelmu lil din il-persuna, lejhom ressqet ukoll persuna femminili liebsa bil-griż ukoll li identifikat ruħha bħala Elaine Aquilina u wriet ukoll il-karta tal-identita' tagħha lill-

Pulizija. Meta ġiet mistoqsija x'rabta kellha hi ma' dik il-persuna li huma kienu waqqfu, hija qaltilhom li dak kien Martin Farrugia u li kien ħabib tagħha. Fuq l-informazzjoni li għaddewlhom mill-Control Room, il-Pulizija iddeċidew lil dik il-persuna jħalluha tmur lil hemm.

32. Illi, minn hemmhekk il-Pulizija bdiet tfittxija għal Paul FARRUGIA u dan għaliex minkejja l-informazzjoni li ġiet mgħoddija minn dik il-persuna lil PC 956 u PC 410, il-Pulizija mill-Iskwadra kontra d-drogi, kienu ċerti li dik kienet effettivament Paul FARRUGIA mhux biss għaliex kien daħlilhom rapport anonimu dwar dan iżda anki għaliex l-Ispettur Arnaud kellu konferma mill-uffiċjali membri tal-iskwadra kontra d-droga kif ingħad li kienu għadhom kemm raw lil Paul FARRUGIA ftit 'il bogħod minn fejn kienu stazzjonati huma fil-pjazza ta' ħdejn il-knisja ġewwa Ħal Għaxaq. Minn hemmhekk, PC 1546 u PC 1494 niżlu fl-indirizz Tal-Barka Flats, Flat 3, Trejqet ix-Xileb Xagħjra u qagħadu fixed point mar-residenza ta' FARRUGIA fejn għal ħin tas-siegħa raw vettura tal-għamla Mercedes tasal fuq il-post u minn ġo fiha ħarġet Elaine Aquilina nonche' dik l-istess persuna li kienu raw fil-kumpanija ta' dik il-persuna li huma kienu għarfu bħala Paul FARRUGIA ġewwa Ħal Għaxaq f'inqas minn siegħa qabel u li huma kienu jagħfuha bħala s-sieħba ta' Paul FARRUGIA minħabba xi każijiet li ġieli kellhom ma' FARRUGIA fuq droga. Fuq il-post waslu wkoll pulizija oħra fejn dawn talbu lil Elaine Aquilina tiftħilhom ir-residenza tagħha u li l-Pulizija jafu bħala dik fejn jgħix Paul FARRUGIA sabiex jagħmlu tfittxija liema tfittxija rriżultat fin-negattiv.

33. Il-Pulizija marru wkoll fir-residenza li dehret fuq il-karta tal-identita' ta' Martin Farrugia bħala r-residenza ordinarja tiegħu ġewwa l-Buskett u wara xi ftit siegħat, għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu, rawh ġej fejn fuq mistoqsija tal-Pulizija huwa qallhom li ma kienx jirrisjedi hemmhekk imma ġewwa s-Siġġiewi u li hu kien mar hemmhekk sabiex jagħlef l-annimali iżda qabel kien rieqed id-dar u lejn Ħal Għaxaq ma kien resaq qatt dak il-lejl. Huwa qal ukoll lill-Pulizija sabiex lil ħuh ifittxuh fir-residenza tal-ġenituri tiegħu Medcarm, Block 61 Triq Oscar Zammit ġewwa l-Imsida. Illi mill-ewwel tfittxijiet illi saru mill-Pulizija f'din il-blokka u fl-appartamenti tal-ġenituri u ta' ħu l-appellant FARRUGIA, ma rriżultax li FARRUGIA kien hemmhekk. Din it-tfittxija saret f'xi ħin bejn it-tlieta u l-ħamsa ta' filgħodu. It-tfittxija saret ukoll fil-garage tal-blokka u f'xi vetturi indikati bħala dawk tal-familja. PS 88 Aldo Cassar ħalla l-pulizija fixed point ma' din ir-residenza fejn imbagħad għal ħabta tal-4.30am, dan irċieva telefonata mingħand PC 1479 li kien għadu kemm lemaħ lil

Paul FARRUGIA f'vettura tal-għamla Toyota Starlet jitkellem ma' missieru taħt ir-residenza. Meta mbagħad ġie mistoqsi x'kien qiegħed jagħmel hemmhekk, Paul FARRUGIA wieġeb li kien iġġieled mas-sieħba tiegħu u kien iddeċieda jmur jorqod ġewwa l-vettura quddiem id-dar ta' ommu iżda ma riedx jidħol għand ommu u missieru f'nofs ta' lejl sabiex ma jaħsadhomx.

34. Sussegwentement, il-Pulizija arrestat lil Paul FARRUGIA fejn dan mill-ewwel ikkopera magħhom u wara li kkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu u tteħditlu stqarrija bil-miktub fejn huwa ma rrisponda għall-ebda mistoqsija hekk kif saritlu mill-Pulizija, nhar is-7 ta' Marzu 2019 huwa tressaq il-Qorti mixli bl-akkużi hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

35. Kif intqal iżjed il-fuq il-meritu tal-ewwel aggravju ġie deċiż minn din il-Qorti b'sentenza preliminari tal-21 ta' Lulju 2020 fejn il-preġudizzjali sollevata taħt l-artikolu 734(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet miċħuda fid-dawl ta' dak dispost mill-artikolu 368 tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet ta' natura legali b'rabta mal-ewwel imputazzjoni mertu tat-tieni aggravju.**

36. Illi l-ewwel imputazzjoni mertu tal-proċeduri in diżamina hija msejsa fuq il-ksur ta' żewġ digrieti li permezz tagħhom l-appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest u ċjoe' digriet datat 9 ta' Awissu 2018 mogħti mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Antonio Mizzi fejn l-Uffiċjal Prosekutur tal-kawża jirriżulta li kien l-Ispettur Keith Arnaud (DOK KA4, Fol. 30 tal-atti proċesswali) u digriet ieħor datat 20 ta' Mejju 2015 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Miriam Hayman liema kawża kienet immexxija mill-Ispettur Herman Mula (Dok. KA5, Fol. 31).

37. L-appellant jilmenta kif il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova li dakinhar tal-5 ta' Marzu 2019 dan id-digriet u l-

kundizzjonijiet elenkati kienu għadhom in vigore. Jgħid li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova jekk minn dakinhar li dawn ingħataw sad-data tal-allegat reat in kwistjoni, kienx sar xi tibdil fil-kundizzjonijiet tagħhom b'mod partikolari allura jekk kienx sar xi tibdil fil-kundizzjoni ta' rinkażar. L-appellant isostni li tali prova setgħet biss tinġieb 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni bix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali liema xhud, bħala riċevitur tal-atti kollha, huwa l-unika persuna li tista' tixhed b'dik iċ-ċertezza morali rikjesta f'kamp penali, dwar ir-rikorsi u digrieti anċillari li kienu ngħataw wara li jkun inħareġ id-digriet oriġinali li permezz tiegħu l-akkużat ikun ġie akkordat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

38. Biex jiġi integrat ir-reat imsemmi fl-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, kif ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, jeħtieġ li jirrikorru s-segwenti rekwiżiti hekk kif enunċjati fil-ġurisprudenza:[11]

i) Il-prova tal-identita' tal-persuna imputata in kwantu l-konnotati li jidhru fuq id-digriet li permezz tiegħu l-persuna imputata tkun ingħatat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest iridu jkunu jikkorrispondu għal dawk tal-persuna imputata bil-ksur tal-istess.
ii) Il-Prosekuzzjoni jeħtieġ li teżebixxi kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest;
iii) Il-prova li dak id-digriet kien għadu fis-seħħ fid-data li l-persuna imputata tkun qegħda tiġi mixlija bil-ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet hemm elenkati u dan isir billi kemm id-digriet kif ukoll il-proċeduri li minnu jitlissnu jiġu ppruvati li kienu għadhom sub-judice fil-jum tal-kummissjoni tar-reat;

39. In kwantu għall-prova tal-identita' tal-persuna imputata, il-ġurisprudenza tqis li din tista' ssir meta mill-atti jkunu jirriżultaw konnotati identiċi jew fejn in-numru tal-karta tal-identita' tal-persuna imputata tkun identika għal dik indikata fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest – f'dawk il-każijiet fejn dan in-numru jkun jirriżulta miktub fid-digriet relattiv. Din il-prova tista ssir iżjed soda jekk l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri jikkonferma l-identita tal-imputat bħala identika għall-identita tal-persuna konċessa l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

[11] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Stephen Borg u Antonella Vella** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 25.2.2021; **Il-Pulizija vs. Keith Joseph Mallia u Mario Mallia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2020; **Il-Pulizija vs. Stephen Borg** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru 2020.

40. Iżda fil-każ fejn fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest ikun hemm biss l-isem u l-kunjom tal-imputat mingħajr indikazzjoni miktuba tal-karta tal-identita tiegħu, il-prova tal-identiċita tal-identita bejn dik tal-imputat għall-persuna imsemmija fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest għandha ssir permezz tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur li jkun jista' jattesta bil-ġurament tiegħu għall-fatt li l-persuna imputata hija l-istess persuna li lilha jsejjaħ id-digriet tal-ħelsien mill-arrest relattiv.

41. Fid-digriet datat 9 ta' Awwissu 2018 eżebit a fol 30 ma fihx il-konnotati tal-imputat appellant FARRUGIA iżda jirriżulta li fih biss imniżżel l-isem "Paul Farrugia". Ebda konnotati jew numru tal-karta tal-identita ma jirriżultaw minn dak id-dokument. Biss, meta xehed l-Uffiċjal Prosekutur tal-kawża u li fiha ngħata l-imsemmi digriet tal-ħelsien mill-arrest: l-Ispettur Keith Arnaud, f'paġna 21 tax-xhieda tiegħu huwa jikkonferma li hu kien l-Uffiċjal Prosekutur tal-kawża li fiha Paul Farrugia huwa imputat u jinsab jgawdi mill-benefiċju tal-ħelsien mill-arrest, u fejn ikkonferma wkoll li dawn il-kondizzjonijiet ingħataw mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Antonio Mizzi fid-disgħa ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax. Arnaud kkonferma wkoll illi Paul Farrugia imsemmi f'dawn il-bail conditions huwa l-istess Paul Farrugia li huwa għaraf preżenti fl-awla.

42. Kwantu għall-prova tal-identita' tal-imputat appellant b'rabta mad-digriet datat 20 ta' Mejju 2015, xehed l-Ispettur Herman Mula, li kkonferma wkoll li huwa kien l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri fejn il-Qorti tal-Maġistrat kienet akkordat lill-appellant il-ħelsien mill-arrest. F'foljo 32 Mula kkonferma d-dokument KA5 bħala li jirrapreżentaw il-bail conditions tal-imputat Paul FARRUGIA li huwa nagħraf bħala l-imputat preżenti fl-awla, u fejn ikkonferma wkoll li dan FARRUGIA kellu każ miegħu quddiem dak iż-żmien il-Maġistrat Dr. Neville Camilleri. L-Ispettur Mula kkonferma li l-bail conditions kienu ingħataw lil FARRUGIA mill-Imħallef Hayman imma dak iż-żmien kienet Maġistrat fl-għoxrin ta' Mejju elfejn u ħmistax.

43. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-kweżit tal-identiċita' tal-persuna imputata ma' dik tal-appellant FARRUGIA ġiet soddisfaċentement ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-Liġi fil-kamp penali.

44. Il-ġurisprudenza tqis bħala valida u ammissibbli bħala prova tal-awtentiċita' tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-

arrest, il-preżentata mill-Prosekuzzjoni fl-atti tal-kawża ta' vera kopja tad-digriet oriġinali debitament awtentikata mid-Deputat Reġistratur adetta ma dik il-Qorti li tkun akkordat id-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. Il-kopja awtentikata bil-firma u t-timbru tad-Deputat Registratur tal-Qorti li erogat id-digriet, tista' tiġi esebita u konfermata bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur waqt ix-xhieda tiegħu bħala prova biżżejjed biex tikkonvinċi lil Qorti sal-grad rikjest mill-Liġi dwar x'kienu l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-imputat. L-artikolu 627(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż speċifikament applikabbli in poenalibus bl-artikolu 520(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, jirrendi ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom infishom, u jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta.

45. Id-digrieti esebiti bħala Dok. KA 4 kif ukoll Dok KA5 huma ittimbrati bħala vera kopja fotostatika tad-digriet oriġinali u l-awtentikazzjoni tagħhom saret mid-Deputat Reġistratur tal-Qorti relattiva li emanat id-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. Dawn imbagħad ġew eżebiti fl-atti mill-Uffiċjal Prosekutur waqt li kien qed jixhed bil-ġurament u l-kontenut tagħhom ġie wkoll konfermat bil-ġurament mill-Uffiċjali Prosekuturi rispettivi. Din hija wkoll prova ammissibbli, rilevanti u soda li tilħaq il-grad rikjest mill-Liġi fi proċeduri kriminali li permezz tagħha l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tqis lilha nnifisha sodisfatta biha.

46. L-appellant jargumenta wkoll li apparti minn hekk kellu jkun ir-Reġistatur Qrati u Tribunali Kriminali li jikkonferma li d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest kienu għadhom in vigore fid-data tal-kommissjoni tal-allegat reat (5 ta' Marzu 2019) u dan b'mod partikolari għall-kundizzjoni ta' rinkażar liema kondizzjoni tirriżulta li kienet waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat appellant kemm fid-digriet datat 9 ta' Awwissu 2018 kif ukoll f'dak datat 20 ta' Mejju 2015.

47. Huwa minnu li f'ċertu kawżi l-Prosekuzzjoni tagħżel illi tħarrek lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali f'dan is-sens. Madanakollu huwa wkoll paċifiku li tali prova tista' ssir ukoll permezz tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur tal-kawża fejn ikun ġie akkordat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. Il-ġurisprudenza tammetti bħala validi u ammissibbli bi prova d-dikjarazzjonijiet bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur, li jkun direttament involut fil-każ u jkun jaf jekk il-każ ikunx għadu għaddej jew ikunx ġie deċiż, kif ukoll li jkun investiga

jekk ikunx sar xi tibdil fil-kundizzjonijiet għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest fil-frattemp – kemm bħala prova dwar jekk il-każ ikunx għadu kurrenti u kif ukoll bħala prova li sad-data tal-kommissjoni tar-reat ikunux saru xi tibdiliet fil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

48. Din il-Qorti, diversi drabi kellha l-opportunita tippronunzja ruħha fuq dan il-punt fis-sens li hi ma tista' tassumi xejn. Jispetta lill-Prosekuzzjoni li turi bi provi ammissibbli, fl-istadju prepost għal produzzjoni tal-provi tagħha li jkun ġie kommess il-fatt vjolattiv tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, li l-istess fatt ikun seħħ ukoll waqt li kien hemm kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu għadhom jorbtu lill-ġudikabbli, kif ukoll li tipprova dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hekk viġenti bl-aqwa prova li huwa l-kopja legali integra u sħiħa tal-istess digriet – inkluż bl-emendi jew żidiet li jkunu saru wara l-emanazzjoni tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest oriġinali – jekk ikunu saru xi emendi. Jekk dan ma jkunx sar, allura ma jkunx jista jitqies integrat ir-reat de quo.

49. Huwa leġittimu għad-Difiża li tikkontesta l-punt jekk id-digriet relattiv ikunx viġenti jew jekk il-kondizzjonijiet ikunux baqgħu invarjati. Din il-kontestazzjoni tista' ssir perfettament bl-użu tal-kontro-eżami, u li permezz tiegħu id-Difiża tista' tintakka l-verżjoni tal-Prosekuzzjoni dwar jekk digriet speċifiku jkunx viġenti jew finali. Iżda mill-banda l-oħra jekk id-Difiża tissoleva l-punt li d-digriet ma jkunx viġenti jew finali hija mbagħad marbuta li tipprova dan il-fatt almenu sal-grad tal-probabbli.

50. L-Ispettur Arnaud, a fol. 21 tax-xhieda tiegħu, jikkonferma li l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest fil-proċeduri li kien involut fihom hu personalment – ċjoe dawk tad-8 t'Awissu 2018 kienu għadhom fis-seħħ u ma kienux varjati. Imbagħad b'rabta mad-digriet datat 20 ta' Mejju 2015 l-Ispettur Herman Mula jikkonferma kif il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kienu għadhom in vigore u li ma kienx hemm tibdil fihom. Issa, din il-Qorti tirrikonoxxi li l-appellant seta' pperċepixxa xi forma ta' esitazzjoni da parti tal-Ispettur Mula meta fil-kontro-eżami tiegħu dan tal-aħħar ġie mistoqsi dwar xi varjazzjonijiet li seta' kien hemm fil-kundizzjoni ta' rinkażar u dan b'referenza għal paġna 36 tax-xhieda tiegħu : -

> Av. Dif.: Iġifieri inti pero qed tgħidilna normalment, pero ma tistax teskludi l-fatt li kien hemm xi rikors illi ġie notifikat lil Avukat Ġenerali u dan irrisponda mingħajr ma lilek infurmak, hux hekk?
>
> Xhud: Ma nistax nitkellem għal ħaddieħor.

51. Iżda din il-Qorti tqis ukoll li fuq domanda tal-Maġistrat sedenti, l-Ispettur ikkwalifika l-pożizzjoni tiegħu u xehed kif hija l-proċedura li l-Uffiċjal Prosekutur jiġi nfurmat min-naħa tal-Qorti meta jkun hemm varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tad-digriet li permezz tiegħu l-persuna imputata tkun ingħatat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u dan għaliex din il-proċedura hija meħtieġa sabiex jiġi aġġornat il-bail book fl-Għassa relativa fejn dan tal-aħħar ikun marbut bl-istess digriet sabiex jiffirma. Din il-Qorti tqis ukoll li l-Ispettur Mula jikkonferma wkoll li din l-informazzjoni tiġi mgħoddija lill-Uffiċjal Prosekutur : -

> Maġistrat: Spettur jekk jkun hemm digriet ta' varjazzjoni inti tkun infurmat bih?
> Xhud: Iva.
> Av. Dif: Pero mhux dejjem naqblu?
> Xhud: Le varjazzjoni iva.
> Av. Dif: Varjazzjoni tal-ħelsien mill-arrest inti tkun infurmat bih dejjem?
> Xhud: Varjazzjoni iva għax aħna umbagħad ninfurmaw (recte: ninurmaw) l-għassa tal-pulizija fejn jiffirma biex jemendaw il-bail book minħabba r-rinkażar.
> Av. Dif: U min jinfurmak ġeneralment?
> Xhud: Id-digriet minn min jkun ingħata, l-Qorti li tkun tatu.
> .../....
> Xhud: Lili sa fejn naf jiena ma ġratlix, pero' ma nistax ngħid x'ġara lil ħaddieħor. Pero jiena dejjem ġejt notifikat, ninforma l-għassa. Issa ma nistax nitkellem fuq okkażjonijiet oħra.

52. Il-verifiki li jkunu setgħu saru mill-Uffiċjal Prosekutur, in kwantu tali, jistgħu jittieħdu bi prova tal-fatt li huwa jkun irriċerka mir-reġistri uffiċjali tal-Qorti. Din ir-riċerka tista' wkoll tiġi korroborata bix-xiehda tar-Reġistratur. Iżda b'dan ma jfissirx li l-istħarriġ li jkun għamel l-Uffiċjal Prosekutur, konfermat bil-ġurament tiegħu jista' jiġi injorat. Semmai, jekk id-Difiża tkun trid tikkontesta dak li l-Uffiċjal Prosekutur ikun iddikjara bil-ġurament tiegħu bħala l-frott tal-istħarriġ uffiċjali tiegħu, hija tista' tressaq il-prova hi li tkun turi li l-Uffiċjal Prosekutur ma jkunx korrett fl-istqarrijiet li huwa jkun qiegħed jagħmel. Jekk id-Difiża tkun trid tressaq ix-xiehda tar-Reġistratur biex tikkonfuta dak li jkun stqarr bil-ġurament tiegħu l-Uffiċjal Prosekutur, tista' tagħmel dan trankwillament, u dan dejjem sal-grad ta' suffiċjenza probatorja tal-bilanċ tal-probabbilitajiet li biha hija mogħnija d-Difiża. F'dan il-każ dan il-livell ma ntlaħaqx.

53. Magħdud dan kollu, din il-Qorti qiegħda tirrespinġi t-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel imputazzjoni tal-appellant mertu tat-tielet aggravju.**

54. Illi fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jattakka l-każ tal-Prosekuzzjoni minħabba dak li jgħid li huma kunflitti fil-provi b'mod partikolari dawk marbuta mal-identifikazzjoni magħmula mill-Pulizija ta' dik il-persuna li ġiet imwaqqfa Ħal Għaxaq nhar il-5 ta' Marzu 2019 ma' dik tal-appellant FARRUGIA.

55. F'dan il-każ ma kienx hemm problema ta' identifikazzjoni tal-appellant. L-appellant ġie identifikat - għalkemm mhux mill-Aġenti tal-Pulizija kollha. Ġara li PC 956 Justin Buhagiar u PC 410 Clint Cutajar, mill-Iskwadru tar-Rapid Intervention Unit, stqarrew illi huma lil Paul Farrugia qatt ma kienu rawh qabel - lanqas permezz ta' ritratt u b'hekk ma kinux kapaċi jagħrfu lil dik il-persuna li ngħataw l-istruzzjonijiet illi jwaqqfu ġewwa Ħal Għaxaq fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Marzu 2019 jekk kienx Paul Farrugia jew le. F'paġna 116 tax-xhieda tiegħu PC 956 jgħid:

> Pros: Ritratt tiegħu xi ħadd tagħkom qabel mortu hemm hekk?
> Xhud: Le le, la ritratt xejn, kull ma kellna aħna li jismu Paul Farrugia daqshekk biss. F'ħajti qatt ma rajtu lil Paul Farrugia.

56. L-istess jikkonferma PC 410 Clint Cutajar f'paġna 140 tax-xhieda tiegħu:

> Pros: .... Għetilna li qatt ma rajtu, iġifieri sa dak il-ħin ritratt ta' Paul Farrugia qatt rajt?
> Xhud: Sa dak il-ħin ma kontx rajt ritratt.
> Pros: U lilu in person qatt rajtu?
> Xhud: Qatt ma rajtu le.

57. L-identifikazzjoni ta' Paul FARRUGIA f'Ħal-Għaxaq pero kienet saret minn Aġenti tal-Pulizija oħra, li kienu jafu min hu Paul FARRUGIA minħabba li kienu jafuh in konnessjoni max-xogħol tagħhom. Apparti minn hekk PC 956 u PC 410, li ma kienux jafu min hu Paul FARRUGIA ma ġewx mgħejjuna fix-xogħol tal-identifikazzjoni li kienu qed jagħmlu minn dak li qal li kien Michael Farrugia u minn dik li rriżultat li kienet Elaine Aquilina. PC 956 u PC 410 filwaqt li ma kienux jafu min hu Paul FARRUGIA u ma kellhomx

idea tal-fiżjonomija u statura tiegħu, ġew konfrontati bl-istqarrija ta' dak ir-raġel li identifika ruħu bħala Michael Farrugia kif mgħejjun minn Elaine Aquilina li kkonfermatilhom li dak ir-raġel li kienu waqfu dawn iż-żewġt Aġenti tal-Pulizija kien Michael Farrugia – u li anke billi fornewhom bin-numru tal-karta tal-identita ta' Michael Farrugia – għalkemm mhux bid-dokument innifsu. L-iżball li għamlu l-Aġenti tal-Pulizija riferiti kien wieħed ta' inġenwita meta f'dak il-kuntest emnu lil dak ir-raġel u lil dik il-mara aktar minn dak li kienu tawhom struzzjonijiet l-Aġenti tal-Pulizija mit-taqsima kontra d-Drogi li kienu pożittivament għarfu u identifikaw lil dak ir-raġel bħala Paul FARRUGIA u ħadd iżjed minnu.

58. U minn kliem PC 410 Clint Cutajar jidher kif fil-fatt il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga ndikawlhom huma minn kien u fejn kien Paul FARRUGIA bħala dik il-persuna li huma kellhom struzzjonijiet sabiex iwaqqfuh fuq ksur ta' ħinijiet ta' rinkażar. Huwa wkoll xehed kif mhux talli dawn indikawlhom lil min kellhom isegwu u jarrestaw talli anki tawhom deskrizzjoni tal-persuna:

> Fejn umbagħad komplejna nimxu magħhom u qalulna li ħa joqgħodu naqra 'l bogħod biex jekk jkollna bżonn jiena u l-kollega tiegħi xi assistenza jiġu. Kif konna qabel ma avviċinajnih immarkawna li kien ma żewġ persuni oħra, li hu kien liebes hoodie ta' kulur griż.[12]

59. Dan jikkonfermah ukoll PC 956 Justin Buhagiar fejn jgħid hekk dwar l-assistenza li ngħataw mill-Uffiċjali tal-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga f'paġna 114 tax-xhieda tiegħu:

> Il-kliem li qalulna, li kien hemm Paul Farrugia ħa nindikawlkom fejn qiegħed irridu narrestawh. Minn hemm hekk qabel ma avviċinajna l-individwu li qalulna bih ta' drug squad ghajjatna isem Paul sabiex naraw l-persuna jirragixxix ghal isem fejn ma rejaggixxix ghalih u minn hemm waqqafnih....

60. Mill-banda l-oħra, PC 1564 Kyle Zammit u PC 1494 Andre Grech membri tal-Iskwadra kontra d-Droga, li assistew lil PC 956 u PC 410 f'din l-operazzjoni, kienu għarfu lil dik il-persuna suspettata bħala li kien effettivament l-appellant FARRUGIA peress li kienu jafuh minn qabel dan l-inċident b'hekk setgħu faċilment jidentifikawh. Kien għalhekk li huma setgħu jindikaw lil PC 956 u PC 410 liema raġel kellhom jarrestaw kif ordnati li jagħmlu mill-Ispettur Keith Arnaud. F'paġna 174 tax-xhieda tiegħu PC 1564 Kyle Zammit jgħid:

[12] Ara fol 141.

Issa Paul Farrugia ma kellix bżonn deskrizzjoni tiegħu għal liema raġuni li jiena ġieli għamilt osservazzjoni fuqu kif ukoll ġie mwaqqaf minni. Fejn hemm hekk ħarisna madwarna u stajt ninnota lil Paul Farrugia li kien jinsab quddiem il-każin ta' San Ġużepp li qiegħed Ħal-Għaxaq li jinsab fi triq Santa Maria.

61. PC 1564 imbagħad ikompli sabiex jidentifika lill-imputat preżenti fl-awla bħala dik il-persuna li huwa kien ra f'Ħal Għaxaq dakinhar tal-5 ta' Marzu 2019 liema persuna huwa għaraf bħala Paul FARRUGIA nonche' dik il-persuna li kien qiegħed jixhed dwaru. Dan l-istess xhud iżid li fil-mument illi FARRUGIA kien qiegħed jiġi osservat, kien qiegħed bil-flixkun tal-birra f'idejh u kien qiegħed jitkellem ma' xi nies. Ikun għalhekk isegwi li x-xhud seta' josserva lil dik il-persuna u l-movimenti tagħha. Ix-xhud jikkonferma wkoll li qabel ma ġew tar-Rapid Intervention Unit, hu u l-kollega tiegħu PC 1494 kien ilhom għaxar minuti josservaw lil FARRUGIA u li d-distanza bejn fejn kienu huma u fejn kien dan tal-aħħar kienet 'ċara ħafna..ma ddejjaqtx inżomm id-distanza fil-viċinanza biex żgur ma nitilfuhx' (fol. 175). Bl-istess mod f'foljo 176 tax-xhieda tiegħu jgħid:

Pros: U l-atomosfera fejn kien hemm Paul x'kien għaddej dak il-ħin?
Xhud: Kien hemm differenza għax peress li konna ilna naqra mhux ħażin hemm hekk, in-nies kienu bdew jbattu, iġifieri ma kien hemm dak l-ammont ta' nies. **Iġifieri ma kienx hemm xi ħaġa li tista' tfixkilni dik il-folla.**[13]

62. PC 1494 u PC 1564 komplew isegwu l-operazzjoni għalkemm minn ċerta distanza u għalhekk setgħu jaċċertaw li PC 956 u PC 410 kienu tassew waqqfu lil dik il-persuna li huma kienu indikawlhom bħala Paul FARRUGIA. Dan il-fatt mhux biss jixhduh PC 956 u PC 410, talli jikkonfermawh ukoll PC 1494 u PC 1564. F'paġna 117 tax-xhieda tiegħu PC 956 jgħid hekk fuq il-mument meta huma waqqfu lil dik il-persuna indikata mill-kollegi tagħhom:

Ftit tal-minuti wara ikkuntatjana s-surġent tagħna PS 88 u qabbadna mal-ispettur Keith Arnaud. L-ispettur kellimna u kkonfermalna li l-individwu li waqqafna aħna kien fil-fatt Paul Farrugia **għaliex ikkonfermaw tad-drug squad ftit tal-ħin wara għax kienu qed jinnutaw lilna meta waqqafna s-suspettat, kienu fil-viċinanza.**[14]

63. F'foljo 178 PC 1564 jikkonferma li PC 956 u PC 410 waqqfu lil dik il-persuna indikata lilhom u xehed illi dan jafu għaliex huma baqgħu josservaw l-operazzjoni mill-pożizzjoni li kienu fiha:

---

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.
[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

Pros: Ħa nwaqfek sekonda hawn hekk mela meta l-pulizija ta' RIU waqfu lil Paul Farrugia, inti kont qed tosserva dak il-ħin?
**Xhud: Iva bqajt nosserva.**
**Pros: U lil min waqfu fil-verita'?**
**Xhud: Lil Paul Farugia.**[15]

64. PC 1494 Andre Grech, f'paġna 198 tax-xhieda tiegħu, jgħid:

Xhud: Mela dak il-ħin x'ħin approċċjajt liż-żewġ kuntistabbli li waslu PC 410 u PC 956, jiena infurmajthom li s-suġġett li kienu ħa jarrestaw kien Paul Farrugia u kienu ħa jarrestawh reason of arrest jiġifieri kienet fuq breach of bail.
Pros: Umbagħad x'għamilt?
Xhud:Hemm hekk peress li ma kienux jafu l-persuna min kien bdejt nindikalhom u nidentifilkalhom min kien il-persuna. Huma dak il-ħin fhemu għal min qed nirreferihom, issa inżommu f'moħna dak il-ħin kienu n-nies bdew jitilqu jiġifieri folla ta' nies ma kienx hemm. Kien hemm nies mhux qed ngħid li ma kienx hemm pero l-folla ma kinetx imrassa. Iġifieri persuna stajt nindika u dak li jkun jifhimni għalxix qed nirreferi.

65. Iktar 'il quddiem fix-xhieda tiegħu PC 1494 jgħid hekk:

Xhud: L-istess bogħod ma kienx hemmx, fis-sens li konna viċin, pero' ma kienx hemm bogħod li ma tagħrfux persuna. **Fil-fatt x'ħin waqfuh iż-żewġ kuntistabbli waqfu lil Paul Farrugia jien stajt ninnota li l-persuna li jien kont għaraft bħala Paul Farrugia li kien fil-pjazza fejn il-gabbana biex niftehmu, kien l-istess persuna li jien indikajtilhom biex jwaqfuh, kien Paul Farrugia. Stajt ninnota li kien l-istess persuna Paul Farrugia li kien libes hoodie griz u hdejh vicin taghhom kien hemmElaine Aquilina s-siehba ta' Paul, u stajt ninnota ukoll li flimkien ma Elaine Aquilina dejjem maghha kien hemm tifla zghira.**[16]

66. F'paġna 200 tax-xhieda tiegħu, ix-xhud jidentifika lill-imputat appellant bħala Paul FARRUGIA nonche' dik il-persuna li kien ra dakinhar tal-5 ta' Marzu 2019 ġewwa Ħal Għaxaq.

67. Minn dawn il-provi jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li PC 956 u PC 410[17] kienu fil-fatt waqfu lil dak ir-raġel li kien indikat lilhom mill-kollegi tagħhom PC 1494 u PC 1564 bħala li kien Paul FARRUGIA, u dan peress li PC 1494 u PC 1564 kienu għarfuh għax kienu jafuh minn

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] Enfasi ta' din il-Qorti.
[17] għalkemm ma kienux jafu personalment min hu dak ir-raġel li kienu ingħataw struzzjonijiet mis-superjuri tagħhom biex jarrestaw u direzzjonijiet dwar min hu u fejn kien qiegħed minn PC 1494 u PC 1564

qabel u b’hekk PC 956 u PC 410 ma kienux arrestaw lil xi raġel ieħor bi żball.  PC 956 u PC 410 arrestaw lil dak ir-raġel li kien ġie indikat lilhom bħala Paul FARRUGIA u lil ħadd ieħor ħliefu.

68. PC 1494 u PC 1564 jixhdu li huma tbegħdu daqsxejn minn fejn kienu l-kollegi tagħhom u Paul FARRUGIA **wara** li effettivament asskuraw ruħom li dik il-persuna li waqqfu kienet Paul FARRUGIA. F’paġna 211 tax-xhieda ta’ PC 1494 qal:

> Xhud: Stajt ninnota li kien hemm Elaine Aquilina u t-tifla u ftit tal-hin wara sekondi jew minuti żghar ghax ma nsitax nghidlek b certezza ta’ zewg minuti jew hames minuti.  Pero’ ftit tal-ħin **wara li twaqqaf**[18], irtirajna għal isfel sa biex x’ħin ikun ġej ma jaranix quddiem wiċċu ovjament.

69. In materja ta’ identifikazzjoni tas-suspettat meta dan isir minn Uffiċjal tal-Pulizija, il-prinċipju regolatur hu dak li tali identifikazzjoni hija ammissibbli u għandha tingħata ċertu piż iktar minn dik l-identifikazzjoni li ssir minn xhud komuni u dan għaliex tali uffiċjal ikun istruwit u mħarreġ iżjed minn nies pajżana sabiex jagħmel eżerċizzju ta’ identifikazzjoni. Dan jgħodd b’mod partikolari fejn is-suġġett identifikat ikun magħruf diġa mal-Pulizija.  Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Dustin Bugeja** deċiż  il-25 ta’ Frar 2016 fejn intqal:

> Issa fil-kaz in dizamina l-identifikazzjoni saret minn ufficjali tal-pulizija u dan ghaliex huma kellhom okkazzjoni jitrattaw mal-appellanti f’kazijiet ohra fil-kors tad-dmirijiet taghhom. Illi fil-kaz Regina v Caldwell and Dixon (1993 CLR862), kien hemm identifikazzjoni mill-puzlija tal-akkuzati u dan minn fuq video-recording li kienet ittiehdet tas-serqa mertu tal-kaz. “When the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible - **R v Caldwell and Dixon 1993 CLR 862**. Much will depend on the circumstances of the recognition: if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition evidence being ruled inadmissible. Recognition, all would surely agree, is generally more reliable than identification of a stranger and accordingly it ordinarily deserves greater evidential weight. **The mere fact that police officers' knowledge of an accused comes from the accused's previous criminal activities cannot operate to bar the admissibility of their recognition evidence—any such approach would unfairly advantage those with criminal records”**[19]

[18] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[19] Enfasi ta’ din il-Qorti.

70. Il-Qrati Ingliżi wkoll sostnew dan il-prinċipju hekk kif per eżempju **f'R vs. Ramsden** (1991) Crim.L.R. 295, CA intqal is-segwenti:

> An identifying witness who is involved in the criminal justice system is likely to have a greater appreciation of the importance of identification, and so to look for some particular identifying feature. Honest police officers are likely to be more reliable than the general public, being trained and less likely to have their observations and recollections affected by the excitement of the situation. Provided that the usual warnings are given, the reasons scrutinised and the integrity of the witness is not in dobut, the tribunal can give effect to what is only common sense.[20]

71. Dan l-istess ħsieb ġie abbraċċjat fil-każ **R vs. Spittle** (2009) R.T.R. 14, CA fejn intqal li xhud tal-Pulizija huwa iktar attendibbli f'materja ta' identifikazzjoni għar-raġuni li jkun **professionally trained to carry out observation***.*[21]

72. F'dan l-isfond l-identifikazzjoni magħmula minn PC 1564 u PC 1494 ta' dik il-persuna li kienet f'Ħal Għaxaq bħala li kienet il-persuna tal-appellant Paul FARRUGIA tistrieh fuq is-segwenti:

i. PC 1564 u PC 1494 kienu jafu minn qabel dan il-każ kemm min kien Paul FARRUGIA kif ukoll fejn kien l-indirizz tar-residenza tiegħu minħabba li ġieli għamlu xi xogħol ta' osservazzjoni fuq FARRUGIA. Għaldaqstant mhux inverosimili li huma kienu kapaċi jagħrfu lill-Paul FARRUGIA minn fost ħafna nies oħra u dan minkejja li kif sostna l-appellant stess, jidher li kien hemm iktar minn persuna waħda liebsa bil-griż bħall-appellant dakinhar tal-5 ta' Marzu 2019 ġewwa l-pjazza ta' Ħal Għaxaq. F'dan ir-rigward din il-Qorti tislet ukoll li meta l-Ispettur Arnaud ta istruzzjonijiet lil PC 1564 u PC 1494 sabiex jgħassu fl-inħawi minħabba r-rapport li kien daħlilhom, fl-ebda ħin ma tahom deskrizzjoni ta' x'kien liebes, x'kien qiegħed jagħmel jew addirittura tal-lok preċiż fejn dan kien avvistat. Kienu huma, minħabba li kien wiċċ magħruf magħhom li waslu sabiex irnexxielhom javvistaw lil FARRUGIA f'nofs ġemgħa ta' nies u kienu anki preċiżi fix-xhieda tagħhom meta qalu x'rawh li kien liebes, x'kien qiegħed jagħmel u ma min kien qiegħed. PC 1564 jgħid li rah jitkellem man-nies u bil-flixkun tal-birra f'idejh, indikazzjoni ċara li kien biżżejjed viċin biex mhux biss jagħrfu talli

[20] Ibid.
[21] Ibid.

setgħa jara x'kien qiegħed iżomm f'idejh u josservaw x'kien qiegħed jagħmel.

ii. PC 1564 u PC 1494 kien ilhom tal-inqas għaxar minuti josservaw lill-appellant u għalhekk l-identifikazzjoni ma saritx b'mod affretatt u azzardat. Meta mbagħad indikaw lill-appellant bħala l-persuna li PC 410 u PC 956 kellhom iwaqqfu u jarrestaw, huma kienu ċerti mill-indikazzjonijiet illi huma tawhom u anki baqgħu jsegwu l-operazzjoni sabiex jaċċertaw li l-persuna li twaqqfet mill-kollegi tal-RIU kienet effettivament dik indikata minnhom: Paul FARRUGIA.

iii. Mix-xhieda ta' PC 1564 u PC 1494 jirriżulta li flimkien ma' dik il-persuna li huma raw f'Ħal Għaxaq għall-ħabta tal-23.30 - 23.50 u li huma identifikaw bħala Paul FARRUGIA kien hemm is-sieħba tiegħu Elaine Aquilina u t-tifla li huma qalu li jafuha bħala t-tifla ta' Elaine Aquilina u Paul FARRUGIA. Mix-xhieda ta' PC 1564 f'paġna 174 lil Elaine Aquilina kien ra ħdejn Paul Farrugia fl-istess waqt li lil dan tal-aħħar huwa kien rah bil-flixkun tal-birra f'idejh, jitkellem ma' xi nies. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni mbagħad huwa jgħid li lil Elaine Aquilina kien jafha wkoll. F'paġna 180, PC 1564 mbagħad jgħid li wara li tal-RIU kienu telqu lil FARRUGIA, hu u l-kollega tiegħu PC 1494 niżlu fl-indirizz Tal-Barka Flats, Trejqet ix-Xileb, ġewwa x-Xagħjra liema indirizz kien magħruf magħhom bħala l-indirizz fejn kien joqgħod Paul FARRUGIA flimkien mas-sieħba tiegħu: indirizz li fil-fatt l-Ispettur Arnaud f'paġna 18 tax-xhieda tiegħu jikkonferma li huwa l-istess indirizz li FARRUGIA kellu jirrinkaża fih hekk kif mogħti lilhom minnu stess minħabba d-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest. Mix-xhieda ta' PC 410 f'paġna 141, din il-Qorti tislet ukoll li dik il-persuna li kienet imwaqqfa f'Ħal Għaxaq lill-Pulizija qaltilhom li kienet Martin Farrugia u mhux Paul Farrugia u li jekk iridu jsibu lil Paul Farrugia 'jaf issibuh ġewwa residenza Barka Flats, Flat 2 Triq ix-Xileb, Ix-Xagħjra'.

iv. Imbagħad, mix-xhieda ta' PC 1564 jirriżulta wkoll li wara ftit tal-ħin li kienu stazzjonati barra Barka Flats, waslet vettura Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni AAC-554 u minn ġo fiha ħarġet Elaine 'bil-flokk griż, bl-istess flok li jiena rajtha'. F'dan is-sens ukoll jixhed PC 1494 fejn f'foljo 204 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid 'Issa kif approċjat il-Mercedes stajna ninnutaw mhux jien biss li x-xufier tal-Mercedes kienet Elaine Aquilina s-sieħba ta' Paul Farrugia.../...Elaine Aquilina kienet liebsa l-istess hoodie

griż li jien stess rajtha bih id-darbtejn li huma'. Ġewwa dik il-vettura kien hemm ukoll tifla. Kemm PC 1494 u PC 1564 jixhdu kif dak il-ħin tas-1am, it-tfittxija li saret f'dik ir-residenza li fetħitilhom Elaine Aquilina u fejn il-Pulizija kienu jafu li kien jirrisjedi FARRUGIA, ma kien hemm ħadd. PC 1494 jixhed li meta mbagħad Elaine Aquilina ġiet mistoqsija jekk ftit tal-ħin qabel hija kinetx qiegħda Ħal Għaxaq, hija wiegbet fl-affermattiv.

v. **Dan ukoll ifisser li PC 1564 u PC 1494 ġewwa Ħal Għaxaq kienu raw lil Elaine Aquilina, is-sieħba ta' Paul FARRUGIA.** Dan id-dettall jikkonfermawh ukoll PC 956 fejn f'foljo 117 jgħid 'Jiena PC 956, PC 410 kif ukoll is-Surġent PS 88, PC 1025 flimkien maż-żewġ pulizija ta' drug squad fejn hemm hekk kien hemm l-istess mara Elaine Aquilina li ġiet tavviċinana meta konna qed inkellmu lis-suspettat Ħal-Għaxaq'. Bl-istess mod, f'foljo 147, jixhed PC 410 dwar il-fatt li fl-indirizz li deher fuq il-karta tal-identita' ta' dik il-mara li raw f'Ħal Għaxaq fil-kumpanija tas-suspettat, tfaċċat dik l-istess mara.

vi. Illi f'foljo 190 PC 1564 Kyle Zammit jgħid kif Elaine Aquilina lill-Pulizija qaltilhom li hi u Paul FARRUGIA kellhom argument **wara nofs in-nhar** u FARRUGIA kien telaq 'il barra mir-residenza tagħhom. U dwar dan jidher li anki Paul FARRUGIA jitkellem mal-Pulizija hekk kif mix-xhieda ta' PC 1479 Pierre Luigi Pace f'paġna 90, jgħid kif FARRUGIA qallhom 'jien kont rieqed għax kelli argument mal-mara dak il-ħin ċjoe qabel. U raqad, iddeċieda biex ma jinkwetax lill-ġenituri u jqajjimhom iddeċida li jorqod fil-karozza'. Dan id-dettall jixhed dwaru wkoll Carmelo Farrugia, misser l-appellant, hekk kif f'paġna 223 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid :- 'għedtlu 'x'qed tagħmel hawn?' qallu li għax iġġieled mal-mara'. Iktar 'l isfel fix-xhieda tiegħu mbagħad, qal li t-tifel tiegħu, l-appellant, qallu li baqa' rieqed fil-karozza għaliex ma riedx jidħol id-dar tagħhom biex ma jagħtihomx qatgħa. Hawnhekk din il-Qorti tirrileva li dak li jidher li stqarr l-appellant meta qal lil PC 1479 u lil missieru li kien rieqed fil-karozza għaliex kien iġġieled mas-sieħba u ma raqadx id-dar, jikkuntrasta ma' dak li effettivament qalet Elaine Aquilina u dan għaliex din tal-aħħar qalet li l-ġlieda kienet seħħet wara nofs in-nhar. Din il-Qorti tistaqsi, kemm -il darba huwa minnu li din il-ġlieda kienet seħħet wara nofs in-nhar kif qalet Elaine għaliex l-appellant jgħid li baqa' rieqed fil-karozza biex ma jaħsadx lill-ommu u lil missieru? Il-kliem li uża l-appellant mal-pulizija meta jgħid li baqa' rieqed barra **sabiex ma jaħsadx lill-ġenituri tiegħu** jindikaw li din id-

deċiżjoni ttieħdet sabiex huwa ma jidħolx fir-residenza tagħhom fis-satra tal-lejl għaliex hemmhekk żgur kien jinħasdu. Iżda jekk skont Elaine Aquilina l-argument li kellhom seħħ wara nofsinhar, l-appellant kellu ħin biżżejjed biex ikun jista' jmur għand ommu qabel ma jsir il-lejl..

vii. Dan oltre għall-fatt li PC 1479 kien ċar fi kliemu meta qal li l-appellant qallu li **<u>kien għadu</u>** kemm iġġieled mas-sieħba tiegħu. U jekk kien għadu kemm iġġieled mas-sieħba tiegħu, fejn seħħet din il-ġlieda? Din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għax-xhieda ta' PC 1564 u PC 1494 meta dawn qalu kif setgħu josservaw lil Elaine Aquilina sal-ħin ta' nofs il-lejl dakinhar tal-5 ta' Marzu 2019 kienet għadha Ħal Għaxaq u li daħlet lura fir-residenza tagħha għall-ħabta tas-1am meta l-appellant **<u>FARRUGIA ma kienx jirriżulta li kien qiegħed fir-residenza tiegħu</u>** meta suppost dak il-ħin kellu jkun hemmhekk. U allura jkun isegwi li jekk tgħaqqad dak li ġie rraportat li qal FARRUGIA lill-Pulizija meta dan qal li kien raqad barra (ġol-vettura) għaliex iġġieled mal-mara; mal-fatt ippruvat li sal-ħin tas-siegħa ta' filgħodu Elaine Aquilina kienet għadha barra mir-residenza tagħha; kif ukoll mal-fatt li PC 1494 u PC 1564 xehedu kif kienu ċerti li kienu raw lil Elaine Aquilina fil-kumpanija ta' Paul FARRUGIA ġewwa Ħal Għaxaq fil-ħin ta' bejn il-23.30 u 00:00, din il-Qorti tislet li ma jifdal l-ebda dubju li dik il-persuna li raw PC 1494 u PC 1564 fil-kumpanija ta' Elaine Aquilina kienet ċertament Paul FARRUGIA.

viii. Del resto din ukoll hija evidenza ċirkostanzjali importanti in kwantu fuq il-post fejn kien hemm raġel li identifika ruħu bħala Michael Farrugia kien hemm is-sieħba ta' ħuh, Paul Farrugia, iżda li skont dak ir-raġel u Elaine Aquilina ma kienx hemm. Din ukoll hija inverosimili in kwantu Elaine Aquilina jirriżulta li kienet f'Ħal-Għaxaq fil-kumpanija ta' raġel li ġie identifikat minn PC 1564 u PC 1494 bla dubju ta' xejn bħala li kien Paul FARRUGIA. U allura l-identifikazzjoni ta' PC 1564 u PC 1494 ta' dan ir-raġel bħala Paul FARRUGIA hija msaħħa bil-preżenza tas-sieħba tiegħu f'dak il-post.

ix. Apparti minn hekk mit-tfittxija li saret fir-residenza ta' Paul FARRUGIA fix-Xgħajra, irriżulta bla dubju ta' xejn, li Paul FARRUGIA ma kienx jinsab hemmhekk f'ħin fejn suppost kellu jkun rinkażat skont il-kundizzjonijiet elenkati f'żewġ digrieti – dak tad-9 ta' Awwissu 2018 u dak tal-20 ta' Mejju 2015.

x. L-appellant jargumenta li meta sabuh il-Pulizija barra r-residenza tal-ġenituri tiegħu, is-seat tal-vettura tiegħu kien imniżżel bħal dak ta' persuna li kien tassew rieqed ġewwa dik il-vettura u li l-magna tal-karozza kienet kiesħa u kienet ukoll miksija nida. Għalkemm din tista' tkun indikazzjoni li l-vettura tassew kienet wieqfa, ma jfissirx li kienet ilha wiefqa lejl sħiħ. Fil-kesħa ta' lejla ta' Marzu, vettura tiksah malajr, daqskemm tilħaq ukoll tifforma n-nida fuqha malajr. Wara kollox hu fatt ippruvat min-numru ta' uffiċjali tal-Pulizija – u daqstant ieħor mhux kontraddett mid-Difiża - li bejn il-ħin ta' meta kien avvistat ġewwa Ħal Għaxaq u l-ħin meta sabuh il-Pulizija quddiem l-appartament ta' ommu u missieru ġewwa l-Imsida, kienu laħqu għaddew madwar erba' siegħat. Dan kien ikun ħin biżżejjed mhux biss biex karozza tiksaħ, iżda wkoll biex karozza tinkesa bin-nida. Mix-xhieda ta' PS 88 Aldo Cassar f'paġna 59 jirriżulta kif għall-ħabta tal-4.30am tas-6 ta' Marzu 2019 PC 1479 ċempillu biex jinfurmah li kien għadu kemm ra lil FARRUGIA dieħel fl-appartament ta' missieru ġewwa l-Imsida. Dan il-fatt ikkonfermah PS 1479 fejn f'paġna 86 tax-xhieda tiegħu jgħid kif għall-ħabta ta' 4.45am kien ra lil FARRUGIA ħiereġ minn Toyota Starlet bajda li kienet hemmhekk.

xi. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta ippruvat li l-indirizz ta' rinkażar tal-appellant FARRUGIA mhuwhiex barra r-residenza ta' ommu u missieru fil-vettura iżda fir-residenza Barka Flats Trejqet Ix-Xileb Xagħjra u jidher mhux ikkonstestat li l-appellant instab barra mir-residenza tiegħu ġewwa din il-vettura Toyota Starlet fl-Imsida f'mument fejn suppost kien rinkażat f'daharu.

xii. Apparti minn hekk, jekk verament l-appellant kellu argument mal-mara u għal xi raġuni kien kostrett li joħroġ mid-dar fejn kien jabita magħha u fejn kien obbligat li jirrinkaża skont id-digriet tal-ħelsien mill-arrest, ir-rimedju li kellu kien li bħala l-ewwel pass imur l-Għassa tal-Pulizija biex jinforma lill-Ispettur inkarigat li minħabba l-emerġenza li inqalgħatlu kien kostrett li ma jirrinkażax u jirrisjedi fir-residenza tiegħu għal dak il-lejl. Iżda ma jirriżultax l-anqas li għamel hekk; iżda skontu, għażel li jmur jorqod fil-karozza pparkjata fit-triq taħt ir-residenza tal-ġenituri tiegħu! Bir-rispett kollu din mhix is-soluzzjoni li huwa kellu, anke jekk dak li qal setgħa kien veru.

73. Minn dawn il-provi, il-Qorti tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tistrieh fuq l-identifikazzjoni tal-appellant mill-membri tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga in kwantu din l-identifikazzjoni kienet saret b'mod li huma ħassewhom ċerti minn dik l-identifikazzjoni, liema identifikazzjoni kienet ukoll sorretta minn evidenza ċirkostanzjali inekwivoka. L-identifikazzjoni ta' dawn l-Uffiċjali tal-Pulizija kienet għalhekk waħda sikura u affidabbli. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-persuna li kienet intlemħet f'Ħal Għaxaq barra l-ħinijiet tar-rinkażar, kienet Paul FARRUGIA, l-istess persuna li ġiet identifikata minn PC 1564 u PC 1494 ġewwa Ħal Għaxaq. Paul FARRUGIA suppost kien qiegħed rinkażat skont il-kundizzjonijiet ta' digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest datat 9 ta' Awwissu 2018 u digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest datat 20 ta' Mejju 2015. Iżda dawn il-provi sodi juru li ma kienx.

74. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-imputat qua appellant għar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni u t-tielet aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

75. B'rabta mal-kunsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq kif ingħad, kemm -il darba allura jirriżulta ppruvat li dik il-persuna li avvistaw il-Pulizija ġewwa Ħal Għaxaq kienet dik tal-appellant, tirriżulta wkoll ippruvata t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant. Dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' dak li xehdu l-Uffiċjali tar-Rapid Intervention Unit, PC 410 u PC 956 fejn dawn qalu illi dik il-persuna li waqqfu ma wriethomx il-karta tal-identita' tagħha iżda qaltilhom biss li huwa kien Martin Farrugia. F'dan ir-rigward PC 956 jixhed hekk:

> Dokumenti biex jivverifika min hu, id card, passaport, driving license hu (recte: u) qalilna li ma għandux. Staqsejnieh x'jismu u qalilna li jismu Martin Farrugia. Għidnilu Martin Farrugia għandek id card, tafu l-id card number? Qalilna iva l-id card number huwa 500077M.

76. Imbagħad f'paġna 141 tax-xhieda tiegħu PC 410 jixhed hekk:

> Waqqafnih, staqsejnih min kien fejn hu qal li kien Martin Farrugia, staqsejnih ukoll jekk kellux xi tip ta' identifikazzjoni fuqu li qalilna li ma kellux, u tlabnih in-numru tal-id card fejn tana n-numru

> 500077M..../.....staqsejnih ukoll jekk hu kienx Paul Farrugia għal diversi drabi fejn hu dejjem qalilna li le, staqsejnieh fejn jista' jkun Paul. Qalilna li jaf tħawwadnih ma ħuh għax jixbħu...

77. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għal deċiżjoni ta' ħtija anki fir-rigward tat-tieni imputazzjoni hekk miġjuba.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet b'rabta mar-raba' aggravju tal-appellant

78. F'dan ir-raba' aggravju tiegħu l-appellant jikkontendi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma għamlitx distinzjoni bejn il-ksur ta' kundizzjonijiet meqjusa iktar gravi bħala li jaffetwaw il-proċeduri u dawk li huma inqas gravużi bħalma hi l-ksur tal-kundizzjoni tar-rinkażar.

79. Kull kundizzjoni fid-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest trid tiġi osservata skrupolożament, ad unguem, mingħajr tfettieq jew tiġbid żejjed. Il-ksur tal-obbligu ta' rinkażar huwa ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest bħal kull obbligu ieħor impost f'dak id-digriet. L-appellant kien jaf li kien marbut b'dawk l-obbligi u kien jaf li jrid josservahom bla tlaqlieq. Imma jidher li iddeċieda li jinjora l-obbligi li huwa għandu imposti fuqu u ġie jaqa' u jqum mill-ordni tal- Qorti li akkordatlu l-ħelsien mill-arrest. Huwa instab barra mir-residenza tiegħu wara l-ħin stabbilit għall-skop ta' divertiment u dan bi ksur ta' żewġ digrieti konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

80. Min ikun qiegħed jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest ma jistax jaqbad u jinjora l-kundizzjonijiet jew ibiddel il-kundizzjonijiet minn jeddu. Kull tibdil fil-kundizzjonijiet irid ikun mitlub lil, u konċess mill-Qorti bil-mezzi li tagħti l-Liġi u mgħandux ikun ir-riżultat ta' deċiżjoni kapriċċjuża tal-persuna marbuta b'tali ordni sempliċiment għax taqbżilha ċ-ċinga. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Italo Grech** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2006 fejn intqal is-segwenti:

> Ghalhekk kull nuqqas konsistenti fi hrug mid-dar minn fejn suppost hu qieghed taht arrest, hu nuqqas serju w qatt ma jista' jigi konsidrat bhala ksur ta' "portata zghira" kif qed jissottometti l-appellant. Altrimenti kullhadd jibda

jirricerka kull pretest possibbli w immaginabbli biex jara kif jehles mill-"house arrest" billi johrog u jidhol x' hin ikun jidhirlu hu.

81. Biss, mistqarr dan kollu, din il-Qorti taqbel mal-appellant li mhux kull ksur jitqies fuq l-istess livell ta' gravita. Dan il-kunċett huwa rifless kemm fil-Liġi kif ukoll fil-ġurisprudenza. Apparti minn hekk kwalunkwe piena inflitta wara sejbien ta' ħtija għar-reat imsemmi fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali trid jirrifletti din il-gravita u tkun proporzjonata għall-istess.

82. Qabel xejn, il-bażi legali l-iżjed diretta u soda f'dan il-każ toħroġ mill-artikolu 579(1) kif ukoll fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan peress li meta l-Qorti tkun affaċċjata bl-azzjoni taħt l-artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti għandha element ta' diskrezzjoni dwar il-miżuri li tista' timponi skont kif jidher mill-proviso għall-istess:

> Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.

82. Hawnhekk il-Liġi qegħda tiprospetta xenarji fejn il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ma jkunux ta' konsegwenza serja – in kontrapposizzjoni allura għal fejn jista' jkun hemm ksur li jkollu konsegwenza serja. Id-deċiżjoni dwar in-natura u l-entita ta' tali konsegwenza hija kwistjoni rimessi għall-prudenza tal-Ġudikant. Din l-idea hija wkoll riflessa fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali fejn jingħad illi :

> (2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, metatinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.

83. Skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat tindika wkoll li r-reat imsemmi f'dan is-subartikolu jista' jkollu livelli ta' gravita differenti. Għalkemm fi kliem differenti, l-idea, essenzjalment tibqa' l-istess. Mhux kull ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest iwassal għall-istess konsegwenza in kwantu mhux kull ksur jista' jitqies li jirrendi r-reat fuq l-istess livell ta' gravita. Għal darb'oħra, hija l-Qorti li għandha s-setgħa tiddeċiedi li tqis il-gravita tar-reat.

84. Anke l-ġurisprudenza kemm riċenti kif ukoll dik anqas riċenti, inkluż dik ċitata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha, tisħaq fuq dan l-element ta' gradwatorja ta' gravita'. Fl-appell kriminali **Il-**

**Pulizija vs. Francis Formosa** deċiż nhar il-25 ta’ Frar 2015 intqal is-segwenti:

> **11.** L-appellant irid jiġi mfakkar l-ewwelnett illi l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mhumiex mogħtija għalxejn, u filwaqt illi l-għan prinċipali tagħhom huwa biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi jitlub jaghmel dan, hemm kundizzjonijiet li dwarhom isiru konsiderazzjonijiet oħra, per eżempju biex jiġi assigurat li xhieda ma jiġux avviċinati. Irid jiġi mfakkar ukoll illi d-digrieti tal-Qorti, u f’dan il-każ il-kundizzjonijiet li taħthom ġie akkordat il-ħelsien mill-arrest imsemmi ta’ l-1 ta’ Settembru 2014 u li huwa obbliga ruħu li joqgħod għalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appożita, għandhom jiġu osservati skrupolożament u *ad litteram*. Naturalment il-piena konsegwenzjali għall-ksur ta’ tali kundizzjonijiet għandha tkun proporzjonata għall-ksur.
>
> **12.** Fil-każ deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gatt vs Malta** fis-27 ta’ Lulju 2010 (finali fis-27 ta’ Ottubru 2010) fejn l-imsemmi Gatt kien kiser il-kundizzjoni ta’ *curfew* f’okkażjoni waħda u ġie applikat l-artiku 579(1) tal-Kap. 9 li permezz tiegħu ġie revokat il-ħelsien mill-arrest u Paundannat iħallas il-garanzija totali ta’ €23,300 liema somma ma ħallasx u ġiet konvertita f’detenzjoni skond l-artikolu 586 tal-Kap. 9, dik il-Qorti osservat: ***“The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities’ decision to apply the relevant Article.”***
>
> **13.** Fil-każ odjern, fejn l-appellant tressaq akkużat bir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 579, bħal fil-każ **Gatt vs Malta**, si trattava ta’ ksur ta’ *curfew*, fejn l-appellant instab barra darba fid-9.00 p.m., cioe` fil-ħin li suppost kellu jinstab id-dar. Huwa ġie kkundannat tliet xhur priġunerija. L-ewwel Qorti għażlet li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha billi ukoll tirrevoka d-digriet ta’ ħelsien mill-arrest u tordna l-konfiska tas-somma ta’ €4,400.
>
> **14.** Jirriżulta illi l-appellant kien ilu biss xahar u tliet ġimgħat li kien ingħata l-ħelsien mill-arrest meta għoġbu jonqos milli josserva l-*curfew*. Mill-fedina penali aġġornata tiegħu jidher, almenu *prima facie*, illi huwa kien instab ħati fuq ksur simili f’okkażjoni oħra – sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-6 ta’ Ġunju 2013 fejn ġie kkundannat multa ta’ €600. Jiġifieri l-appellant kien jaf illi bil-ksur ta’ xi kondizzjoni tal-ħelsien mill-arrest kien qiegħed jikkommetti reat u kien hemm konsegwenzi għal tali ksur, apparti milli wera non-kuranza għal digriet tal-Qorti. Għalhekk l-ewwel Qorti kienet ġustifikata illi tinfliġġi l-piena ta’ tliet xhur priġunerija. Fl-istess ħin, kif diġa` ngħad, irid jinżamm sens ta’

proporzjonalita`. Hawn din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt**:

**"Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest jammonta wkoll ghal reat. Bhal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (izda mhux il-konfiska tas-somma) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Jinghad "tista'" ghax il-legislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistghu wkoll jitolbu "fl-istess procedimenti…ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna" (sottolinear ta' din il-Qorti). U jaghmel hafna sens li jkun hemm dik il-fakolta` ghax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal-qorti, zghir kemm ikun zghir dak il-ksur, jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579 – ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid."**

**15.** Fil-każ in eżami, meqjusin dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tqisx illi kien hemm lok tal-piena "addizzjonali" tar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u tal-konfiska tal-garanzija (li, minbarra l-konfiska tas-somma depożitata ta' €400 kien jimporta wkoll il-konfiska tas-somma ta' €4,000 li, jekk l-appellant ma jħallasx, kienet tiġi konvertita f'sitt xhur detenzjoni skond il-*proviso* ta' l-artikolu 586 tal-Kap. 9).

85. Inoltre, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Stefan Muscat** deċiż fl-20 t'Ottubru 2020 intqal hekk:

Illi fit-tielet (3) aggravju l-appellant jissottometti li l-iskop primarju u principali tal-bail huwa essenzjalment wiehed, li l-persuna tidher ghal kull att tal-procediment. Li sal-mument tas-sentenza huwa ghadu prezunt innocenti minkejja l-akkuzi illi jkunu saru kontra tieghu. Il-garanzija li trid tinghata u anke l-kundizzjonijiet huwa biex proceduralment ma jkunx hemm hsara ghall-process kriminali li jkun gust pero' fl-istess waqt, ma jipprivax il-persuna preventivament mill-liberta' tieghu. Jissottometti li l-ksur li huwa wettaq ma huwiex wiehed ta' natura serja stante li ma huwiex konness ma

raguni primarja li jinghata l-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest izda l-ksur huwa ta' kundizzjoni ancillari ghal helsien mill-arrest.
L-appellant jirreferi ghal gurisprudenza u jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-appellant jirrileva li minkejja li l-piena li nghatat tidhol taqa' b'mod gust u kwadru fil-parametri legali, li l-Qorti tal-Magistrati ma ddecidietx bizzejjed fl-analizi tan-natura tal-ksur imwettaq minnu u ghalhekk fic-cirkostanzi tieghu fil-kaz specifiku. Jissottometti li l-Qorti ghandha tqis in-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u s-serjeta' oggettiva taghhom. Ghalhekk l-appellant jemfasizza li l-ksur li wettaq, filwaqt li jibqa' ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ma jistax jitqies li jifforma parti mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-helsien mill-arrest. Jaghmel referenza ghal piena li imponiet l-Ewwel Qorti u jissottometti li sforz il-qaghda finanzjajra tieghu zghazugh ta' dsatax-il sena li ghadu kemm jibda jahdem, is-sentenza minkejja li ma fijiex l-impozizzjoni ta' piena ta' habs effettiva fir-realita' habs ser tkun tfisser ghall-appellant.
Din il-Qorti tqis li huwa minnu li l-appellant ma giex akkuzat li kiser kundizzjonijiet principali moghtija fid-digriet ghal helsien mill-arrest bhal li jirraporta l-Ghassa jew ma dehrx quddiem il-Qorti, izda gialadarba li huwa kiser l-ordni ta' protezzjoni ifisser li kkommetta reat volontarju. Il-ligi taht l-artikolu 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma taghmilx distinzjoni bejn kundizzjonijiet u ohra ai fini ta' piena.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) Vs Christian Bonello'** 7 gie meqjus:
*'Illi huwa minnu illi f'dan il-kaz l-ammont tal-garanzija ta' €10,200 huwa wiehed ferm oneruz, sabiex b'hekk il-piena inflitta fuq l-appellant teccedi bil-kbir l-ghoxrin xahar prigunerija imposta fuqu. Illi l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kellha okkazzjoni tesprimi l-fehma taghha dwar din id-disposizzjoni tal-ligi u dan sahanitra qabel l-introduzzjoni tal-emenda li permezz taghha mhux biss il-legsilatur ma giex in konformita' ma' din il-fehma anzi ghamel bil-maqlub tad-direzzjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja. Illi fil-kaz Gatt vs Malta deciza fis-27 ta' Ottubru 2010 (applikazzjoni numru 28221/08) gie deciz hekk:*
*"The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations.*
*However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature.*
*In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article. In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to the exercise of discretion under Article 579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and other considerations, Maltese law is deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results*."

Illi dan il-hsieb tal-Qorti Ewropeja gie imbaghad applikat fil-kawza **John Grima vs Avukat Generali** deciza fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn inghad:

***"... meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d- decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal- Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il- privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm 'ceiling' ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l- proporzjonalita`."***

*Illi, kif inghad, illum bl-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta'l-Att VIII tal-2015 dina id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "blanket provision" li ma thalli l-ebda diskrezzjoni iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issir tassattivament dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew de minimis.*

*Illi f'dan il-kaz l-att vjolattiv li wassal ghan-nuqqas ta' osservanza ta' wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuq l-appellant ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest kien wiehed serju, kif irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza impunjata. Dan ghaliex l-appellant ikkometta reat iehor meta kien marbut fil-kundizzjoni numru 4 tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Lulju 2018 sabiex ma jikkomettiex reat iehor ta' natura volontarja filwaqt li jkun mehlus mill-arrest. Dan maghdud, madanakollu, il-Qorti xortawahda hija tal-fehma illi l- piena kif mahsuba illum ghar-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 579(2) tal- Kodici Kriminali huwa ferm oneruz li ma jhalli ebda diskrezzjoni f'idejn il- Qorti tant illi l-appellant jiffaccja zewg pieni ghal kummissjoni tal-istess reat, dak tal-multa u/jew il-prigunerija u wkoll dak tal-konfiska ta' ammont ta' flus li jista' jkun wiehed sostanzjali u li jekk ma jithallasx jigi konvertit f'terminu iehor ta' prigunerija skont il-ligi. Mhux biss izda din il-piena tista' tkun vjolattiva tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkuzata u misjuba hatja bi vjolazzjoni tal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzoni Ewopeja dwar id- Drittijiet tal-Bniedem u l-element ta' proprozjonalita' li ghandu jigi mhares bejn l-att vjolattiv u l-piena imposta ghal dik il-vjolazzjoni, fatti li din il-qorti hija prekluza milli tindirizza billi tezorbita l-kompetenza taghha, kompetenza li hija mhollija unikament f'idejn il-qrati kostituzzjonali.'*

86. Apparti minn hekk, ġurisprudenza anke iżjed antika minn hekk kienet ukoll turi li l-kwantum tal-piena tal-priġunerija kien ukoll jiddependi mill-gravita tal-ksur meqjusa skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Hekk per eżempju, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Fabio Psaila** tas-27 ta' Settembru 2012 il-Qorti kienet ħadet konjizzjoni ta' elenku ta' sentenzi msemmija mill-appellant li juru bejn wieħed u ieħor il-pieni li kienu jingħataw għal dawn ir-reati fi żmien qabel ma kienu

ġew miżjuda l-minimu u l-massimu tal-pieni erogabbli fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali. Ingħad hekk:

> Analizi tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna turi kif l-ebda persuna ghax naqset milli tiffirma l-bail book ghal ftit aktar minn xahar ma wehlet piena ta' sitt xhur prigunerija. Anzi jidher l-oppost fejn ghal vjolazzjonijiet hafna aktar gravi, l-piena nflitta kienet ferm aktar miti, fosthom u mhux biss:
>
> - Il-Pulizija v. Italo Grech – deciza 14.12.06 – **kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar** – piena ta' xahar prigunerija
> - Il-Pulizija v. Andre` Francois Buhagiar – deciza 04.05.07 – **avvicina l-parti leza** – piena ta' xahar prigunerija
> - Il-Pulizija v. Michel Abou Haidar – deciza 09.08.07 – **harab minn Malta ghal perijodu ta' sittax-il (16) xahar** – piena erba' xhur prigunerija
> - Il-Pulizija v. Lorraine Vella – deciza 27.09.07 – **naqset milli tiffirma kuljum ghal perijodu ta' ftit aktar minn xahar** – piena multa ta' Lm100
> - Il-Pulizija v. Christopher Scerri – deciza 01.11.07 – **kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar** – piena xaharejn prigunerija
> - Il-Pulizija v. Aaron Cassar – deciza 02.07.08 – **naqas li jkompli jiffirma** – piena ta' tlett xhur prigunerija
> - Il-Pulzija v. Charlot Calleja – deciza 12.09.08 – **ma ghamilx il-prgramm ta' riabilitazzjoni mid-droga** – piena seba' t'ijiem prigunerija
> - Il-Pulizija v. Etienne John Scicluna – deciza 29.10.09 – **siefer bla permess tal-Qorti** – piena hames xhur prigunerija.

87.Minkejja l-isforzi li saru mid-Difiża fl-appell kriminali Fabio Psaila, il-Qorti xorta waħda ħasset li kellha tikkonferma s-sentenza appellata ta' sitt xhur priġunerija li kienet erogat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ewwel lok.

88.Jibqa' l-fatt pero li bħala regola, minkejja l-bidliet li seħħew fil-Liġi Maltija matul dawn l-aħħar sittax il-sena – b'mod partikolari fil-kamp tal-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest - żammew quddiem għajnejhom il-prinċipju ta' differenza fil-gravita tal-ksur tal-kundizzjonijiet, almenu meta ġew biex jerogaw il-piena. F'dan is-sens allura l-appellant għandu raġun jgħid li l-Qorti għandha setgħa tiddetermina l-livell tal-gravita tar-reat – li allura teħtieġ analiżi ta' kemm il-ksur tal-kondizzjoni tal-ħelsien mill-arrest tista' titqies li kienet gravi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. F'dan is-sens dan l-aggravju jimmerita li jiġi milqugħ u sejjer ikun rifless f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-ħames aggravju li jitratta l-piena imposta.**

83. Illi din il-Qorti sejra tibda biex tindirizza l-ewwel punt imressaq mill-appellant b'rabta mal-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal sejbien ta' ħtija fit-tieni imputazzjoni. Illi kif korrettement issottometta l-appellant, ir-reat iprospettat fit-tieni imputazzjoni huwa msejjes fuq l-Artikolu 338(ġ) tal-Kodiċi Kriminali li huwa ta' natura kontravenzjonali u regolat bl-Artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali fejn f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-piena erogabbli hija:

(a) Id-detenzjoni;
(b) L-ammenda;
(c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

84. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet piena ta' tlett xhur **<u>priġunerija</u>** b'rabta mas-sejbien ta' ħtija għat-tieni imputazzjoni meta l-Liġi hija ċara li għal reat ta' natura kontravenzjonali, il-Qorti tista' massimu timponi detenzjoni u mhux terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant l-appellant għandu raġun u għandu raġun ukoll li jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tal-Kodiċi Kriminali fejn il-Liġi tippreskrivi li t-terminu massimu li jista' jiġi inflitt huwa dak ta' xahrejn detenzjoni. Ikun għalhekk isegwi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt legalment timponi piena ta' tlett xhur priġunerija b'rabta mas-sejbien ta' ħtija għal din it-tieni imputazzjoni. Semmai kien applikabbli l-artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li:

> Persuna ħatja ta' delitt wieħed jew aktar u ta' kontravvenzjoni waħda jew aktar, tiġi ikkundannata biss għall-piena stabbilita għad-delitt jew għall-piena li jkun imissha tingħata lill-ħati minħabba l-konkors ta' aktar minn delitt wieħed skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi ta' qabel dan, jekk il-piena li jmissha tingħata għad-delitti ma tkunx anqas minn tliet xhur priġunerija. Jekk il-piena li jmissha tingħata għad-delitti tkun anqas minn tliet xhur priġunerija, għandha tiġi mogħtija wkoll il-piena stabbilita għall-kontravvenzjoni jew il-piena li jmiss tingħata fil-każ ta' aktar minn kontravvenzjoni waħda, skont ir-regoli mniżżla fil-paragrafu ta' qabel dan;

85. L-appellant jeċepixxi wkoll in-nullita' tas-sentenza appellata ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali għaliex skontu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma speċifikatx fil-konfront ta' liema imputazzjoni kienet qiegħda tinfliġġi multa ta' Ewro 1,150.

86. Illi dwar dan il-punt l-appellant ma għandux raġun. L-elementi meħtieġa ad validitatem f'sentenza kundannatorja huma dawk imsemmija mill-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u l-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza. Is-sentenza kundannatorja, fost oħrajn, ssemmi l-fatti li tagħhom l-imputat ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat. Huwa fil-każ ta' xi nuqqas ta' wieħed minn dawn ir-rekwiżiti li jwassal sabiex is-sentenza titqies nulla. Skont din id-dispożizzjoni tal-Liġi, u minn ħarsa tad-dispositti tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet referenza għall-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw r-reati li tagħhom kienet qiegħda ssib ħtija fl-imputat appellant:

> Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 338(ġ) u 579(1) u (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha kif miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant.....tikkundannah kumplessivament għal terminu ta' priġunerija effettiva ta' ħmistax -il xahar u ċioe; tnax -il xahar fuq l-ewwel akkuża u tlett xhur fuq it-tieni akkuża u tikkundannah iħallas multa ta' elf mija u ħamsin Ewro (€1,150).

87. Din il-multa ta' Ewro 1,150 hija naxxenti mill-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif din id-dispożizzjoni tippreskrivi bħalal piena

> tkun ħatja ta' reat u teħel, metatinsab ħatja, **il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien** u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.

88. Fid-dispositti, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ċara għal liema fatti hija kienet qegħda ssib lill-imputat ħati, tat il-piena u anki elenkat l-artikoli tal-Liġi li jikkontempla r-reat. Ma jistax jingħad li s-sentenza tonqos minn xi wieħed mir-rekwiżiti essenzjali ad validitatem u li alura jirrendiha annullabbli.

89. Di piu', lanqas ma hemm nuqqas ta' kontinwita' fil-ħsieb tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew xi kontradizzjoni bejn il-motivazzjonijiet tagħha u l-parti dispositti tas-sentenza. Minn qari tal-motivazzjonijiet l-appellant jista' wkoll faċilment u mingħajr lok ta' dubju jasal għall-konklużjonijiet tal-Qorti kif riflessi mbagħad fid-decide tas-sentenza. Wara kollox il-multa setgħet tiġi inflitta biss f'dan il-każ b'riferenza għall-ewwel imputazzjoni u mhux ukoll fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Għalkemm il-Qorti setgħet kienet iżjed ċara fl-esposizzjoni tad-dispositti tagħha, il-formula użata minnha f'dan il-

każ ma jwassalx għal xi inċertezza fil-piena jew xi kontradizzjoni li jirrendi din is-sentenza annullabbli. Għalhekk, din il-Qorti qegħda tiċħad din il-preġudizzjali tan-nullita' li kienet imresqa mill-appellant bħala parti mill-aggravju dwar il-piena.

90. Imbagħad l-appellant jargumenta wkoll kif il-piena ta' tnax -il xahar priġunerija kienet waħda gravuża żżejjed tenut kont tal-fatt li l-ksur tal-kundizzjoni ta' rinkażar mhux meqjus bħala ksur ta' kundizzjoni prinċipali. Sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

91. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti

retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena.

92. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li **l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz**[22] (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

93. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ,

[22] Enfasi ta' din il-Qorti.

jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis 'anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti'.

94. Din il-Qorti diġa kellha l-opportunita' iktar 'il fuq f'din is-sentenza li tesprimi ruħha dwar il-gravita' tar-reat u partikolarment dwar kif il-ksur tal-kundizzjoni tar-rinkażar, għad li mhix kondizzjoni li taf tfixkel l-andament tal-proċeduri quddiem il-Qorti, jew ekwiparabbli mal-kommissjoni ta' xi reat ieħor, xorta waħda hija kundizzjoni li fiha nnifisha tirrifletti atteġġjament ta' sfida lejn l-awtoritajiet u għalhekk għandha effetti serji. Biss din il-Qorti taqbel li dan il-ksur ma jirrendix dan ir-reat estremament serju.

95. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li l-piena erogata fir-rigward tat-tieni imputazzjoni kienet żbaljata fil-prinċipju tagħha in kwantu mhix tal-kwalita jew kwantita prevista mill-Liġi għal dak ir-reat. B'hekk dan ukoll irid li jwassal għal aġġustament fil-piena li għandha tiġi erogata f'dan il-każ.

96. Il-piena ta' tnax-il xahar priġunerija relattivament għall-ewwel imputazzjoni hija piena li taqa' fil-parametri ċirkoskritti mil-Liġi. Huwa veru li l-pieni f'din il-Liġi ġew imħarxa bl-Att VIII tal-2015 tant li dan wassal ukoll lil ċerta ġurisprudenza tikkummenta li dawn l-emendi kienu qegħdin saħansitra jmorru kontra l-ispirtu jekk mhux ukoll il-kelma ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kontra Malta li kienu jitrattaw dan l-artikolu.

97. B'hekk filwaqt li trid tara li l-piena tkun proporzjonata, din il-Qorti trid tqis ukoll il-fatt li maż-żmien, il-Leġislatur ħass il-ħtieġa li jirrendi l-ksur ta' dan l-artikolu iżjed serju biex jirrifletti l-mod iżjed serju li bih is-soċjeta kienet qegħda tħares lejn dan il-ksur. Mill-banda l-oħra, bl-emendi introdotti bis-saħħa tal-Att XXIX tal-2021 il-kwistjoni dwar il-konfiska tal-ammont stabbilita fil-ħelsien mill-arrest reġgħet ġiet fdata fid-diskrezzjoni tal-Qorti, li għal darb'oħra trid tqis il-gravita tal-każ. Fiż-żmien meta l-Qorti tal-Maġisitrati (Malta) erogat il-piena tagħha il-Liġi kienet għadha tobbliga lil dik il-Qorti li tordna l-konfiska tal-ammonti stabbiliti fil-garanzija kollha b'mod tassattiv. Issa dik ir-regola inbidlet.

98. Mistqarr dan pero, u meta meqjusa l-isfondi kemm tal-każistika relattiva għas-sentenzjar f'dawn il-każijiet, kif ukoll fid-dawl tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[23] fejn ikkundannatu għal terminu kumplessiv ta' ħmistax-il xahar priġunerija u ċjoe' tnax -il xahar fuq l-ewwel akkuża u tlett xhur fuq it-tieni akkuża u kkundannatu wkoll iħallas multa ta' Ewro 1,150, kienet ferm oneruża meta kunsidrata fl-isfond tan-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. L-appellant żbalja bl-aħrax meta minflok għażel li jirrispetta d-digriet tal-ħelsien mill-arrest ħalla li jagħmel bih l-entużjażmu tal-karnival u mar Ħal-Għaxaq jixrob mal-ħbieb u s-sieħba tiegħu. Iżda fl-aħħar mill-aħħar dan il-ksur tal-kundizzjoni tar-rinkażar huwa meqjus mill-ġurisprudenza bħala wieħed mill-ksur inqas gravi meta komparat ma ksur ta' kundizzjonijiet oħra.

99. Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-appellant li f'dan il-każ il-piena erogata kellha tkun iżjed proporzjonata mal-ksur kommess u din il-Qorti żżid li kellha tirrifletti wkoll il-parametri legali stabbiliti wkoll mill-ġurisprudenza nonche tirrifletti wkoll l-ispirtu tad-deċiżjonijiet Kostituzzjonali u dawk mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem f'dawn il-każijiet.

## Deċide

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tilqa l-appell in parti skont kif spjegat iżjed il-fuq u bħala konsegwenza filwaqt li:

(a) tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll

[23] u ċjoe li apparti li irrevokat iż-żewġ digrieti ta' ħelsien mill-arrest hawnhekk imsemmija – cioe' dak datat 9 ta' Awwissu 2018 u dak datat 20 ta' Mejju 2015 u ordnat l-arrest tiegħu mill-ġdid, u fejn ukoll ordnat li s-somma ta' Ewro 30,000 bħala depożitu u s-somma ta' Ewro 70,000 bħala garanzija personali li għandu imposti fuqu b'digriet tal-Qorti Kriminali Onor. Imħallef Antonio Mizzi datat 9 ta' Awwissu 2018 kif ukoll is-somma ta' Ewro 5,000 bħala depożitu u s-somma ta' Ewro 10,000 bħala garanzija personali imposti fuqu b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati Maġistrat illum Onor. Imħallef Miriam Hayman, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

(b) tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn irrevokat iż-żewġ digrieti tal-ħelsien mill-arrest datat 9 ta' Awwissu 2018 u dak datat 20 ta' Mejju 2015 u ordnat l-arrest tiegħu mill-ġdid;

Mill-banda l-oħra:

(a) tħassarha fejn ordnat li s-somma ta' Ewro 30,000 bħala depożitu u s-somma ta' Ewro 70,000 bħala garanzija personali li għandu imposti fuqu b'digriet tal-Qorti Kriminali Onor. Imħallef Antonio Mizzi datat 9 ta' Awwissu 2018 kif ukoll is-somma ta' Ewro 5,000 bħala depożitu u s-somma ta' Ewro 10,000 bħala garanzija personali imposti fuqu b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati Maġistrat illum Onor. Imħallef Miriam Hayman, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta;
(b) fejn kkundannatu għal terminu kumplessiv ta' ħmistax -il xahar ħabs u ċjoe' tnax -il xahar fuq l-ewwel akkuża u tlett xhur fuq it-tieni akkuża; u
(c) fejn kkundannatu wkoll iħallas multa ta' Ewro 1,150;

U minflok:

(a) Tordna li mis-somma ta' Ewro 30,000 bħala depożitu li għandu imposti fuqu b'digriet tal-Qorti Kriminali Onor. Imħallef Antonio Mizzi datat 9 ta' Awwissu 2018 jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta l-ammont ta' ħamest elef euro (€5000);
(b) mis-somma ta' Ewro 5,000 bħala depożitu imposti fuqu b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati Maġistrat illum Onor. Imħallef Miriam Hayman, jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta l-ammont ta' elfejn euro (€2000);
(c) tikkundannah għal terminu kumplessiv ta' seba' (7) xhur priġunerija;
(d) u b'riferenza għall-ewwel imputazzjoni tikkundannah iħallas ukoll multa fl-ammont ta' seba' mitt euro (€700).

Altrimenti fejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**